



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2013/0253(COD)**

22.11.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2013)0520 – C7-0223/2013 – 2013/0253(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

PA\_Legam

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Ir-Regolament propost jagħmel part mill-isforz biex tinħoloq unjoni bankarja fl-UE biex tizzied l-istabilità finanzjarja u jiġi żgurat li l-ekonomija Ewropea tista' tiddependi fuq settur finanzjarju li jiffunzjona tajjeb. Ir-Regolament se jistabbilixxi mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni – waħda mill-miżuri li l-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2013 iqis li huma neċessarji għall-ikkompletar tal-unjoni bankarja. Il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni se japplika għall-Istati Membri taż-żona tal-euro u għal Stati Membri oħra li għażlu li jipparteċipaw fih. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

B'mod parallel mal-proposta għal regolament, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment. Għaldaqstant, indipendentement minn jekk l-Istati Membri għażlux li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni jew li jibqgħu barra minnu, huma se jkollhom japplikaw l-istess rekwiżiti u regoli prudenzjali dwar ir-riżoluzzjoni bankarja. Id-differenza ewlenija tirrigwarda l-awtoritajiet kompetenti: fl-ambitu tad-Direttiva se jkunu l-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni se jinvolvi l-ħolqien ta' Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u proċedura fil-livell tal-UE għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'diffikultà.

### **Għan tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni**

Taħt il-proposta, l-għan tal-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni hu li jagħti lok li jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-banek kollha f'diffikultà fl-Istati Membri parteċipanti u li joffri proċeduri effettivi biex jiġu trattati d-diffikultajiet tal-banek, filwaqt li tkun minimizzat l-ispiża għal min iħallas it-taxxi u għall-ekonomija. Il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni se jikkumplimenta l-mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU), li permezz tiegħu il-Bank Ċentrali Ewropew jassumi r-responsabilità aħħarija għas-superviżjoni tal-banek kollha taż-żona tal-euro. Ir-Regolament se jistabbilixxi fond uniku għar-riżoluzzjoni ta' banek problematiċi, li għandu jiġi finanzjat b'kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet tas-self bir-rata ta' 1% tal-valur tad-depożiti tagħhom; sat-tmiem ta' perjodu tranżitorju ta' 10 snin, il-fond hu mistenni li jkollu valur ta' bejn wieħed u ieħor EUR 55 biljun.

Ir-raġuni ewlenija għalfejn qed jiġu stabbiliti responsabilità fil-livell tal-UE u proċeduri fil-livell tal-UE hi li, fl-unjoni bankarja, is-superviżjoni bankarja, permezz tas-sistema unika li se jkun responsabbli għaliha l-Bank Ċentrali Ewropew, u r-riżoluzzjoni bankarja 'jeħtieġ' jiġu eżerċitati mill-istess livell ta' awtorità'. Il-fatt li l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni se jiġi applikat mill-Istati Membri parteċipanti fil-livell tal-UE jfisser li jeħtieġ li jkun hemm trikkib sinifikanti bejn id-Direttiva u r-Regolament, fosthom dispożizzjonijiet paralleli, għax il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Kummissjoni jeħtieġ li jibbażaw l-attivitajiet tagħhom fuq liġi tal-UE applikabbli direttament, aktar milli fuq direttivi.

### **Struttura u attività tal-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni**

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni se jikkonsisti mid-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv, ir-rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni u l-BĊE, u l-membri maħtura minn

kull Stat Membru parteċipant, li jirrappreżentaw l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni. Il-Bord, ippresedut minn Direttur Eżekuttiv, se jiltaqa' u jopera f'żewġ sessjonijiet: sessjoni plenarja, li fiha se jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha ta' natura ġenerali, u sessjoni eżekuttiva, li se tinkludi fiha d-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv, ir-rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni u l-BĊE. Fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, il-Bord se jieħu deċiżjonijiet fir-rigward ta' entitajiet individwali jew gruppi bankarji.

Tali deċiżjonijiet se jitrattaw, fost l-oħrajn, l-ippjanar ta' riżoluzzjonijiet u l-awtorizzazzjoni ta' interventi bikrija, deċiżjonijiet dwar skemi ta' riżoluzzjoni, fosthom dwar l-użu tal-Fond għall-finanzjament tal-proċess ta' riżoluzzjoni, u l-iggrawidjar tal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni. Il-proċedimenti biex istituzzjoni ta' kreditu jew grupp bankarju jitpoġġew taħt riżoluzzjoni jinbdew wara notifika mill-BĊE lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, li mbagħad jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li l-kriterji neċessarji ġew sodisfatti, hi tagħti struzzjonijiet lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni biex jieħu miżuri skont ir-Regolament.

### **Setgħat tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni**

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni se jingħata setgħat sostanzjali biex iwettaq investigazzjonijiet (ara l-Artikoli 32 u 33), fosthom spezzjonijiet fil-post (Artikolu 34). Jekk skont ir-regoli nazzjonali tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ta' awtorità ġudizzjarja biex isiru spezzjonijiet, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' tiċċekkja biss li d-deċiżjoni tal-Bord hi awtentika u li l-miżuri koerċittivi maħsuba mhumiex arbitrarji jew eċċessivi. L-awtorità ġudizzjarja nazzjonali mhux se tkun tista' tagħmel rieżami tal-ħtieġa li ssir spezzjoni jew titlob li tkun provduta b'informazzjoni mill-fajl tal-każ tal-Bord; u l-leġalità tad-deċiżjoni tal-Bord se tkun suġġetta għal rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss (ara l-Artikolu 35).

Sabiex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet tiegħu jiġu implimentati u biex l-investigazzjonijiet tiegħu jkunu aktar effettivi, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni se jingħata s-setgħa li japplika sanzjonijiet – stabbiliti fil-proposta għal Regolament – f'każ ta' ksur tar-regoli. Għaldaqstant, hu jista' jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jimponu penali, fis-sura ta' multi, fuq istituzzjonijiet tal-kreditu li ma jagħmlux l-informazzjoni meħtieġa disponibbli jew li ma jikkooperawx ma' investigazzjoni, li ma jħallsux il-kontribuzzjoni tagħhom lill-Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek jew li ma jikkonformawx ma' deċiżjoni indirizzata lilhom mill-Bord (l-Artikolu 36).

Bl-istess mod, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jista' jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet biex jimponu pagamenti ta' penali perjodiċi lil entitajiet jew persuni li jonqsu li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni tal-Bord (Artikolu 37).

### **Responsabilità lejn il-Parlament Ewropew**

Taħt l-Artikolu 41 tar-Regolament propost, il-Bord għandu 'ikun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament'. Il-Bord hu għaldaqstant meħtieġ li jissottometti rapport annwali lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u d-Direttur Eżekuttiv tiegħu hu meħtieġ li jidher quddiem il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv hu meħtieġ li jipparteċipa, fuq talba tal-Parlament, f'seduti ta' smiġħ organizzati mill-kumitati kompetenti tal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord, u li jagħmel diskussjonijiet orali kunfidenzjali mal-Presidenti u d-Deputati Presidenti tal-kumitati kompetenti tal-Parlament meta dan it-tip ta' diskussjonijiet ikunu meħtieġa biex il-Parlament jeżerċita s-setgħat tiegħu fl-ambitu tat-Trattat. Il-proposta tistipola li: Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Bord dwar il-modalitajiet dettaljati tal-organizzazzjoni ta' dawn id-diskussjonijiet, ikun konkluż bil-ħsieb li tiġi żgurata kunfidenzjalità sħiħa skont l-obbligi tal-kunfidenzjalità imposti fuq il-BĊE bħala awtorità kompetenti taħt il-liġi rilevanti tal-Unjoni.'

Il-proposta tipprovdi wkoll li: 'Il-Bord u l-Parlament jikkonkludu arranġamenti xierqa dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tal-obbligu ta' rendikont u ta' sorveljanza demokratiċi fuq it-twettiq tal-kompiti konferiti fuq il-Bord minn dan ir-Regolament. Dawk l-arranġamenti jkopru, inter alia, aċċess għall-informazzjoni, kooperazzjoni fl-investigazzjonijiet u informazzjoni dwar il-proċedura ta' għażla tad-Direttur Eżekuttiv.' (Ara l-Artikolu 41(8).)

## EMENDI

The Committee on Legal Affairs calls on the Committee on Economic and Monetary Affairs, as the committee responsible, to incorporate the following amendments in its report:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek (minn hawn' il quddiem imsejjaħ il-“Fond”) huwa element essenzjali li mingħajru Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ma jistax jaħdem kif suppost. Sistemi differenti ta' finanzjament nazzjonali ifixklu l-applikazzjoni ta' regoli uniformi dwar ir-riżoluzzjoni tal-banek fis-suq intern. Il-Fond għandu jgħin sabiex tiġi żgurata Prattika amministrattiva uniformi fil-finanzjament tar-riżoluzzjoni u jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba Prattiki nazzjonali. Il-Fond għandu jkun ifffinanzjat direttament mill-banek u għandu jinġabar fil-livell tal-Unjoni sabiex ir-riżorsi tar-riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiġu oġġettivament allokatu fl-

##### *Emenda*

(11) Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek (minn hawn' il quddiem imsejjaħ il-“Fond”) huwa element essenzjali li mingħajru Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ma jistax jaħdem kif suppost. Sistemi differenti ta' finanzjament nazzjonali ifixklu l-applikazzjoni ta' regoli uniformi dwar ir-riżoluzzjoni tal-banek fis-suq intern. Il-Fond għandu jgħin sabiex tiġi żgurata Prattika amministrattiva uniformi fil-finanzjament tar-riżoluzzjoni u jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba Prattiki nazzjonali. Il-Fond għandu jkun ifffinanzjat direttament mill-banek u għandu jinġabar fil-livell tal-Unjoni sabiex ir-riżorsi tar-riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiġu oġġettivament allokatu fl-

Istati Membri biex b'hekk tiżdied l-istabbiltà finanzjarja u tiġi limitata r-rabta bejn il-perċezzjoni tal-pożizzjoni fiskali tal-Istati Membri individwali u l-kostijiet tal-iffinanzjar tal-banek u l-intrapriżi li joperaw f'dawk l-Istati Membri.

Istati Membri biex b'hekk tiżdied l-istabbiltà finanzjarja, ***jingħata kontribut lit-tkabbir fis-suq intern*** u tiġi limitata r-rabta bejn il-perċezzjoni tal-pożizzjoni fiskali tal-Istati Membri individwali u l-kostijiet tal-iffinanzjar tal-banek u l-intrapriżi ***f'diffikultà*** li joperaw f'dawk l-Istati Membri.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20a) Id-Direttiva [BRRD] għandha tirregola l-ippjanar ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-intervent bikri, il-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni u l-prinċipji tagħha kif ukoll l-użu tal-għodda tar-riżoluzzjoni mill-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li dan ir-regolament ikopri biss dawk l-aspetti meħtieġa biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni jimplementa dik id-Direttiva u li l-finanzjament addizzjonali xieraq meħtieġ ikun disponibbli għalih.***

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) L-ebda deċiżjoni tal-Bord jew tal-Kummissjoni ma għandha teħtieġ lill-Istati Membri jipprovdu għajjnuna finanzjarja pubblika ***straordinarja***.

(4) (4) L-ebda deċiżjoni tal-Bord jew tal-Kummissjoni ma għandha teħtieġ lill-Istati Membri jipprovdu għajjnuna finanzjarja pubblika ***diretta ħlief permezz tal-użu ta' riżorsi mill-Fond stabbilit taħt dan ir-Regolament.***

## Emenda 4

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu d

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) stima tal-qafas ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;

##### *Emenda*

(d) (d) stima tal-qafas ta' żmien, ***u tal-possibilitajiet ta' suċċess***, għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu i

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) spjegazzjoni mill-awtorità tar-riżoluzzjoni dwar kif l-alternattivi tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta' għajjnuna finanzjarja pubblika ***straordinarja***;

##### *Emenda*

(i) spjegazzjoni ***preċiża u ċara*** mill-awtorità tar-riżoluzzjoni dwar kif l-alternattivi tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe għajjnuna finanzjarja pubblika ***ħlief għal dik permezz tal-użu ta' riżorsi mill-Fond stabbilit taħt dan ir-Regolament***;

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu rieżaminati u fejn xieraq aġġornati tal-anqas kull sena u wara kwalunkwe bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali ta' istituzzjoni jew fl-operat jew il-pożizzjoni finanzjarja tagħha li jista' jkollha effett jew teħtieġ bidla fil-pjan.

##### *Emenda*

(9) Pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu rieżaminati u fejn xieraq aġġornati tal-anqas kull sena u wara kwalunkwe bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali ta' istituzzjoni jew fl-operat jew il-pożizzjoni finanzjarja tagħha, ***jew kwalunkwe bidla fil-liġi nazzjonali u/jew fil-livell tal-UE***, li jista' jkollha effett jew teħtieġ bidla fil-pjan.

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 7(a)*

*L-applikazzjoni tad-Direttiva [BRRD]*

*L-azzjonijiet tal-mekkaniżmu uniku fir-rigward tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu rregolati mid-Direttiva [BRRD].*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 7(b)*

*Ir-riżolvibbiltà ta' istituzzjonijiet ta' importanza sistemika*

*Għall-istituzzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u li huma identifikati bħala istituzzjonijiet ta' importanza sistemika globali (G-SIIs) jew bħala istituzzjonijiet oħra ta' importanza sistemika (O-SIIs) skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE, il-Bord għandu jagħti prijorità lill-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tagħhom b'konformità mal-Artikolu 12 [BRRD] u jfassal pjan għal kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet biex ineħħu x-xkiel għar-riżolvibbiltà b'konformità mal-Artikolu 14 [BRRD].*

*Il-pjan għandu jinkludi minn tal-inqas dan li ġej:*

*(a) l-esiġenza li l-istituzzjoni tneħħi assi speċifiċi;*

*(b) l-esiġenza li l-istituzzjoni tillimita jew twaqqaf attivitajiet speċifiċi eżistenti jew proposti;*



*(c) l-esiġenza ta' tibdiliet fl-istrutturi legali jew operazzjonali tal-istituzzjoni sabiex titnaqqas il-kumplessità ħalli jiġi żgurat li l-funzjonijiet kritiċi jistgħu jkunu separati b'mod legali u ekonomiku mill-funzjonijiet l-oħra permezz tat-tħaddim tal-għodda tar-risoluzzjoni;*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Valwazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu għandha titqies bħala provviżorja sakemm persuna indipendenti twettaq valwazzjoni li tkun konformi bis-sħiġ mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu. Dik il-valwazzjoni ex post definittiva għandha titwettaq hekk malli jkun prattikabbli.

*Emenda*

(6) Valwazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu għandha titqies bħala provviżorja sakemm persuna indipendenti **u imparzjali** twettaq valwazzjoni li tkun konformi bis-sħiġ mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu. Dik il-valwazzjoni ex post definittiva għandha titwettaq hekk malli jkun prattikabbli.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu b - inċiż iv

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) il-ħatra, it-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' evalwaturi, amministraturi, kontabilisti, avukati u professjonisti oħra **li tista' tkun meħtieġa b'assistenza għall-awtorità** nazzjonali tar-risoluzzjoni, u **minħabba l-qadi ta' dmirijethom**;

*Emenda*

(iv) il-ħatra, it-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' evalwaturi, amministraturi, kontabilisti, avukati u professjonisti oħra **fejn dan jaf ikun meħtieġ, biex jassistu lill-awtorità** nazzjonali tar-risoluzzjoni, u **għall-qadi aktar effettiv tad-dmirijiet tagħha**;

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu b - inċiż v

*Test propost mill-Kummissjoni*

(v) kwalunkwe kwistjoni oħra li tista'

*Emenda*

(v) kwalunkwe kwistjoni oħra li tista'

tisemma mill-Bord;

tisemma mill-Bord ***fir-rigward tal-proċedura ta' riżoluzzjoni***;

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni ma tkunx applikat deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 16, jew applikata b'tali mod li tonqos milli tikseb l-oġettivi tar-riżoluzzjoni skont dan ir-Regolament, il-Bord ikollu s-setgħa jordna lil istituzzjoni taħt riżoluzzjoni:

*Emenda*

2. Meta awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni ma tkunx applikat deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 16, jew applikatha b'tali mod li tonqos milli tikseb l-oġettivi tar-riżoluzzjoni skont dan ir-Regolament, il-Bord ikollu s-setgħa jordna lil istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ***jew jeżerċita setgħat oħra previsti fid-Direttiva [BRRD]***:

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Minħabba l-kompiti speċifiċi tal-Bord, il-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, jistgħu, permezz tal-proċeduri tagħhom stess, jiotlbu lill-Bord li jwieġeb bil-miktub għal kwalunkwe kummenti jew mistoqsijiet magħmula minnhom lill-Bord fir-rigward tal-funzjonijiet tal-Bord skont dan ir-Regolament.

*Emenda*

(1) Minħabba l-kompiti speċifiċi tal-Bord, il-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, jistgħu, permezz tal-proċeduri tagħhom stess, jiotlbu lill-Bord li jwieġeb bil-miktub għal kwalunkwe kummenti jew mistoqsijiet magħmula minnhom lill-Bord fir-rigward tal-funzjonijiet tal-Bord skont dan ir-Regolament. ***Il-Bord, min-naħa tiegħu, għandu jipprova jissottometti t-tweġibiet tiegħu lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti fi żmien raġonevoli.***

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1**

PE521.523v02-00

10/13

AD\1008916MT.doc

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jiddeliberaw dwar entità individwali jew ta' grupp stabbiliti biss fi Stat Membru parteċipanti wieħed, il-Bord jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu fis-sessjonijiet eżekuttivi tiegħu b' maġġoranza sempliċi tal-membri parteċipanti tiegħu. F'każ ta' parità d-Direttur Eżekuttiv ikollu l-vot deċiżiv.

*Emenda*

1. Meta jiddeliberaw dwar entità individwali jew ta' grupp stabbiliti biss fi Stat Membru parteċipanti wieħed, il-Bord jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu fis-sessjonijiet eżekuttivi tiegħu b' maġġoranza sempliċi tal-membri parteċipanti **msemmija fl-Artikolu 49(2)**. F'każ ta' parità d-Direttur Eżekuttiv ikollu l-vot deċiżiv.

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 66 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelgati skont l-Artikolu 82 biex tispeċifika dan li ġej:

*Emenda*

3. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu**, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 82 biex tispeċifika dan li ġej:

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 69 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Bord jista' jikkuntratta għas-self tal-Fond jew forom oħra ta' sostenn **min** istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra, fil-każ li l-ammonti miġbura skont l-Artikoli 66 u 67 mhumiex immedjatament aċċessibbli jew suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż imġarrba mill-użu tal-Fond.

*Emenda*

1. Il-Bord jista' jikkuntratta għas-self tal-Fond jew forom oħra ta' sostenn, **l-ewwel minn istituzzjonijiet finanzjarji privati u, fejn dan mhuwiex possibbli, minn** istituzzjonijiet finanzjarji **pubbliċi** jew partijiet terzi oħra, fil-każ li l-ammonti miġbura skont l-Artikoli 66 u 67 mhumiex immedjatament aċċessibbli jew suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż imġarrba mill-użu tal-Fond.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 82 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Att delegat adottat skont l-Artikoli 62(5), 65(5), 66(3), 67(3) u 70(4) jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw għalih fi żmien **xahrejn** minn meta dak l-att ikun ġie nnotifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dan il-perjodu taż-żmien jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Emenda*

(5) Att delegat adottat skont l-Artikoli 62(5), 65(5), 66(3), 67(3) u 70(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **tlit xhur** minn meta dak l-att jiġi nnotifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dan il-perjodu taż-żmien jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li jiġi estiż iż-żmien previst li fih jistgħu jitqajmu l-oġġezzjonijiet, sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jistudjaw bir-reqqa l-att delegat u jiddeterminaw jekk l-adozzjoni tiegħu f'dik il-forma hijiex xierqa u korretta.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Regoli u proċedura uniformi għar-risoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Risoluzzjoni tal-Banek
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0520 – C7-0223/2013 – 2013/0253(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 10.9.2013
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.9.2013
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Dimitar Stoyanov 17.9.2013
<b>Eżami fil-kumitat</b>	14.10.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Zbigniew Ziobro, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eva Lichtenberger, József Szájer